DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI .................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*2 Att, 6 Xena, p.97 (M)*

## IX-XIĦ

**TĦALLIX IL-BIŻA' TEĦSIK.**

Ħsibt. Dejjem ħsibt. Imma għalxejn. Kien hemm dik ix-xi ħaġa ġo fija… Qatt ma ġralek, meta tkun qed teħda, għid, tehda bil-karti tal-logħob, pereżempju, ittellagħhom u tibni torri tal-karti, saff fuq saff, bil-paċenzja kollha... u filli tistenna biss li f'daqqa waħda tarahom jiġġarrfu b'żiffa riħ? Jew ukoll filli ttajjarhom int stess? Qatt ma ġralek, għid?... Qatt ma rajt tifel jibni torri bir-ramel għoli, għoli mbagħad tarah jieqaf skantat u meżmerizzat jara l-baħar dieħel jagħqad madwaru bil-mod il-mod iħollu fix-xejn? Ismagħni! Jew tkun xi mkien, tkun xi mkien tara xi bini għoli tiela', u timmaġina x'jiġri kieku kellek tarah f'daqqa waħda jiġġarraf u jinstabat mal-art? Veru? U minkejja kemm jistgħu jmutu nies, tixtieq biss li mqar darba taraha dik ix-xena tal-biża'… tal-biża' imma tal-għaġeb! *(123)*

Dak il-waqt tremend, dak il-waqt meta kollox u f'daqqa waħda donnu jilħaq l-għan, l-iskop ewlieni tiegħu! Qatt ma ġralek li timmaġina meta l-enerġija kollha maħkuma f'idejk soda sa fl-aħħar tirtogħod, hekk li dak il-porvli miġmugħ b'tant reqqa f'daqqa waħda jikbes u jinħaraq f'leħħa ta' mument? U kollox f'daqqa waħda, f'leħħa ta' mument, jagħqad u jissiġilla ruħu f'damdima ta' darba, eternità ta' mument, hekk li xejn aktar ma jimporta iżjed? Il-bidu ta' univers, damdima ta' darba, il-berqa li ma tidhirx, u xejn aktar ma jimporta! Lanqas it-tifel ċkejken issa qed jitbiegħed bejn ir-raddi taħt xemx nieżla. Għax minn hemm irid jgħaddi hu wkoll. Hu wkoll. Qed tifhem, Michael? Int ukoll! Qed tifhem? Int ukoll.

*MICHAEL: Nifhem...*

/ Tibżax mela min-nar ta' darba, ibni. Tibżax minn dak il-waqt, jekk dak hu l-uniku waqt li jfisser xi ħaġa għalik. Kollox imut u jikkonsma ruħu. Tħallix il-biża' teħsik. Trid tinsa l-biża' u l-uġigħ u timmaġina biss dak il-waqt, għax dak il-waqt ma jispiċċa qatt imbagħad. *(<280)*

PDF p. 97

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU ............

**PROPS** ................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.